MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 1760/1997/1

**Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 1999 is-socjeta' Maltacom p.l.c. assumiet l-atti f'isimha**

**vs**

**John Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm412.90,0 (erba' mija u tnax-il lira Maltin u disghin centezmu) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 339657 (skond kif jirrizulta mill-"statement" anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 85, Tonna Street, Sliema u dana skond ma

kif jidher mill-“service agreement” anness mal-avviz Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Mejju 1997 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bhalma jafu ben tajjeb l-istess atturi, peress li l-ammont pretiz mhux dovut mill-istess esponent u dan kif ser jigi ippruvat waqt l-trattazzjoni tal-kaz.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-Prokuratur Legali Noel Scerri</u> (fol 12, 13 u 31 tal-atti) spjega, filwaqt li rrefera ghall-anness dokument markat <u>Dok B</u> a fol 3 tal-atti kif ukoll ghal “file” relattiv ghal dan il-kaz (4713/1975) illi l-konvenut stess, kien applika ghall-istallazzjoni ta’ servizz telefoniku fil-post in kwisjonti, kif imsemmi fl-avviz. Dan is-servizz kien dejjem registrat fuq l-istess konvenut sakemm kien gie sospiz, f’data indeterminata mill-istess socjeta attrici. Inoltre, mill-“file” msemmi, kien jidher li l-post in kwistjoni kien gie trasferit lil terza persuna izda ma jidhirx li kienet saret xi talba sabiex l-istess servizz jigi trasferit minn fuq isem il-konvenut ghal fuq isem terza persuna.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> (fol 26 u 27 ibid) spjega li fl-1980, hu kien ittrasferixxa permezz ta’ skrittura l-post lil certu <u>Alfred Sciberras</u>, li kien shab mieghu. Sussegwentement, fl-1989 dan il-post kien gie trasferit lil certu <u>Charles Saliba</u>, li krih lil <u>Paul Mamo</u>. In rigward dawn it-trasferimenti tal-post, il-konvenut sostna li kien gab din l-informazzjoni minghand l-istess socjeta attrici u b’hekk “…. Nghid li

huma jafu b'dawn it-trasferiment" u difatti kompla jghid illi hu u Alfred Sciberras "konna ghamilna karta …. Fil-Marsa". Dwar dan jigi ripetut li l-Prokuratur Noel Scerri mbadixxa li "….ma risultali ebda' dokument jew xi informazjoni dwar dan it-trasferiment" (ara fol 31 ibid).

Illi l-konvenut ipproduca bhala xhud lill-imsemmi Charles Saliba (fol 39 u 40 ibid).

Dan spjega li hu kien jiggestixxi l-istess post, bejn l-1989 u l-1993, bhala "guest house". Filwaqt li hu asserixxa li "sakemm il-fond kien f'idejja, l-kontijiet tieghi dejjem kienu aggornati vis-à-vis l-Korporazzjoni Telemalta", hu qal ukoll li hu qatt ma kien iffirma xi ftehim mal-istess Korporazzjoni jew mas-socjeta attrici u "Fil-fatt, it-telefon dejjem baqa' rregistrat fuq John Mizzi, l-konvenut".

Ikkunsidrat

Illi, minn analisi tal-premess, jidher evidenti li s-servizz in esami qatt ma kien gie trasferit, skond il-ligi, fuq isem it-terzi persuni hawn fuq indikati u kull ftehim bejn il-konvenut u l-istess terzi persuni ghandu jigi kunsiderat bhala "res inter alios acta".

Illi l-konvenut ma ressaq ebda prova sabiex jsostni li, filfatt, l-ammont pretiz fl-avviz ma hux dovut.

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta wara li jinghad, ulterjorment illi kif jidher mill-atti tal-kawza l-konvenut inghata l-opportunita' sabiex jressaq provi ulterjuri.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm412.90,0 bl-imghax legali mid-19 ta' Mejju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Mejju 1997 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq drittijiet professjonali.

---------------------------------TMIEM---------------------------------